M26

# Leħen il-Malti

MAHRUĠ

MILL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

WASAL IŻ-ŻMIEN LI NAGHARFU LILNA
NFUSNA BHALA MALTIN

JEKK MA RRIDUX NINTILFU BHALA
ĠENS GHALINA F'ART MISSIRIJIETNA

ID-XXXIX SENA 1970 GHADD 14

# LEHEN IL-MALTI

L-XXXIX 1970 GHADD 14

DAN L-GHADD FIH:

EDITORJAL: *Xi ġralu t-Teatru Malti?* – P.P. SULTANA: *Ġużè Diacono bħala Drammaturgu f'"Erwieħ Marbuta"* – A. AGIUS MUSCAT: *Aktar tagħrif fuq: Laurent Ropa* – W.Ph. GULIA: *Fuq il-Qabar ta' John Keats* – O. FRIGGIERI: *Kuntradizzjonijiet fil-Persunalità Poetika ta' Kamenu Vassallo* – A. CREMONA: *Beatles* – Fr. EDWARD FENECH O.S.A.: *Il-Ġifen* – H. FRENDO: *Neokolonjaliżmu; Arena; Non-Eżistenza* – V. MALLIA-MILANES: *Il-Fidwa tal-Bniedem* – J. AZZOPARDI: *Il-Paċi ta' Kamarti* – M.N. BORG: *Ix-Xmara* – Bro. G. MERCIECA: *It-Tnejn tal-Kamival* – Fr. J. CREMONA, O.F.M.: *L-Għanja ta' l-Emigranti Maltin* – V. MIFSUD BONNICI: *Żieda ta' Kliem u Tifsir* – L. SCHIAVONE: *Book Review.*

## XI ĠRALU T-TEATRU MALTI?

META fi żmien il-Gvern tal-Haddiema, jew kif iħobb isejjaħ lilu nnifsu bl-Ingliż il-*Malta Labour Party*, jien kont magħżul bħala wieħed mill-membri biex ngħidu lill-Gvern kif it-teatru Manoel, ġawhra tal-Arti tagħna li kien għoddu sar żibel, seta' jerġa' għal li kien darba, naħseb li la l-President Ġino Muscat Azzopardi, il-President tal-Kummisjoni u lanqas dawk li ħadmu miegħu, m'għaddielhom minn rashom x'kien għad isir mit-teatru Manoel taħt idejn ħaddieħor. Dawk li jħobbu t-teatru Malti u jemmnu fih bħala l-mera ta' Nazzjon rajh f'idejh ħolmu żmien aħjar meta t-Teatru Malti miżmum minn flus il-Maltin, kellu jkun ta' ħeġġa, ħuġġieġa nar, għal dawk li xtaqu jaraw fuq il-palk tat-teatru Manoel, il-frott tal-ġenju Malti, li, bħal ma jgħid il-qawl Malti għall-bajtar, irid iż-żmien biex isir. Minn dan kollu ma ġara xejn. Mhux għax ma nħadmitx xi ftit drammi Maltin u, bit-tqanżih saru xi konkorsi 'l hawn u 'l hinn, imma dawn il-ħidmiet li messhom kienu l-qalba tat-teatru Manoel, flok hekk kienu xi ħaġa ta' mad-dawra, fit-tarf it-tarf. Tabilħaqq, it-teatru Manoel mhux biss li ma safax dik il-ħuġġieġa ta' nirien, sejħa tħaġġeġ għat-talent drammatiku Malti, imma li, tista' tgħid, wasal biex qerdu.

Meta hemm marda, it-tabib irid ikollu l-kuraġġ isemmi isimha, għax jekk jaħbilha isimha, magħha jaħbi wkoll id-duwa tal-fejqan. Aħna l-Maltin inbatu wisq bir-*rispett falz* għal xulxin, u ngħidu falz, għaliex biżżejjed titkellem ma' wieħed li ma jridx jikkritika 'l ħaddieħor fuq ismu, imħabba

l-biża' li jitlef ħbiberija jew xi ħaġa oħra; imma mbagħad jekk tisimgħu jkellmek fuqu ras-imb-ras (kollox bejnietna!) u tara l-ħdura ħierġa. Minħabba dal-moħħ ċkejken, il-biċċa l-kbira ta' ittri li jidhru fil-gazzetti tagħna, jidhru fuq isem b'ieħor. Imma min hu raġel jirrispetta flimkien mal-argument, il-kuraġġ li wieħed joħroġ bih għall-beraħ f'ismu.

It-Teatru Manoel hu tal-poplu Malti u mħabba f'hekk jifforma sehem qawwi mill-proprjetà tas-Soċjetà Maltija, is-Soċjetà ta' dawk in-nies li, għax m'għadhomx iżjed bħal tarbija fuq dirgħajn ħaddieħor, jixtiequ jaraw ġens Malti joħroġ minn qoxortu u juri ruħu f'saħħtu kollha. Bħalissa nistħajjel qed nara t-tbissima f'qarsa ta' dawk li għalihom kulma hu Malti jdarrashom; u ta' dawk li l-ebda ħaġa Maltija ma togħġobhom ħlief l-*Ego* tagħhom. Donnhom m'humiex bħal ħaddieħor, wild Malta, bin id-demm u laħam l-Arti, prodott tas-soċjetà li huma jmaqdru għax jogħġobhom aktar jilagħqu x-xemx ta' ħaddieħor. Imħabba f'hekk, it-Teatru Malti mhux biss ma setax jieħu r-ruħ sa issa, imma lanqas ma sa jieħu r-ruħ 'il quddiem.

Imma tafu sakemm? Sakemm l-opinjoni pubblika tibda tirrispetta lilha nfisha u twarrab minn ma' dirgħajha u riġlejha l-ktajjen tan-nies li jassru t-Talent Malti. It-Teatru Manoel messu kien skola ta' teatru nazzjonali qabel kull ħaġa oħra. Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kulturali messu rabat lil Kumitat tat-Teatru Manoel bil-ftehim li l-kumpaniji serji li għandhom x'jagħtu lil Malta mhux biss ma jħallsux il-kera ta' kull lejla (xi £20), imma jistidnuhom biex jibnu t-teatru Malti. Ma jsir l-ebda ġid mill-poża ta' min juri ruħu dejjem skandalizzat kemm aħna l-Maltin ma nafu xejn u kemm il-barranin huma aħjar minna. Imma l-barranin tafu għaliex huma aħjar minna, għaliex huma u l-gvernijiet tagħhom, f'dak li għandu x'jaqsam mat-teatru huma wisq evoluti u jirrispettaw lilhom infushom wisq iżjed. Il-ġenju nazzjonali jixbah lil ħobż. Il-ħobż biex jikber irid il-ħmira. Mingħajr ħmira ma jogħliex. Il-ħmira hija li ma jitolbux ħlas ta' kera minn għand Kumpaniji serji li jtellgħu xogħlijiet oriġinali ta' drammaturgi Maltin. Għandna l-eżempju tal-Gvern Taljan li jissusidja l-Opera wit-Teatru Taljan biex iżomm fil-għoli l-ġieh ta' l-Italja quddiem il-barranin. Aħna hawn Malta ġralna bħal ħobża mingħajr ħmira – ma kbirniex u lanqas sa nikbru jekk nibqgħu b'dawn in-nies li għad għandna madwarna. Il-Letteratura u x-Xjenza Lingwistika Maltija kibru ħafna f'dawn l-aħħar snin. Għaliex? *Għax min ħa ħsiebhom kien jemmen fihom: kien iħobbhom, studjahom u ħadem fihom.* Ma rrid inweġġa' 'l ħadd mill-membri tal-Kumitat tat-Teatru Manoel għax fl-aħħar mill-aħħar, xi ħaġa tajba għamlu wkoll daqs kemm ilhom hemm. Naf u nħoss li għandi ngħid li x'uħud minnhom huma nies ta' ħila min f'ħaġa u min f'oħra. Imma għal min minnhom nistgħu ngħidu li qatt wera mhux tant ħila daqs kemm interess ħaj fl-istudju

tal-lingwa Maltija, fis-setgħat tal-Malti bħala għodda tal-palk Malti? U min qatt ma wera nteress fit-Teatru Malti; fl-użu tal-Malti, kif qatt seta' jinteressa ruħu biżżejjed, b'qalbu u ruħu kollha, fit-Teatru Malti? Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura dan l-argument jagħtih jew ma jagħtihx piż?

Ftit ilu ġew għandi xi żgħażagħ ikellmuni fuq it-Teatru Malti, żgħażagħ edukati, mimlijin ħeġġa, li jixtiequ jibnu Teatru Malti bil-Malti. Iżgħar fis-snin, imma akbar fil-ħeġġa għax għandhom idea serja tat-Teatru. Qalbi tħeġġet meta rajt lil dawn iż-żgħażagħ. Tkellimna fuq il-qagħda kerha tat-Teatru Malti llum; u ħeġġiġthom ma jaqtgħux qalbhom imma jinqatgħu għalihom biex jibnu Teatru nazzjonali, Teatru tad-dinja li fih jidħlu Malta u Isienha u l-Kittieba tagħha.

Fl-aħħar mill-aħħar, tgħidx ma wasalx iż-żmien li ħaddieħor jidħol flok l-għassa l-qadima biex jara x'jista' jsir aħjar milli sar sa issa; x'jista' jinġabar mill-ħerba tal-imgħoddi, għall-bini ta' Teatru Nazzjonali Malti? Il-Malti jgħid "Min ma jbiddilx ..." Tgħidx li l-Malti pastaż; għid li l-Malti hu minjiera ta' għerf; it-tiġrib kollu tal-ħajja.

Hemm xi ħaġa ħażina ma nafx x'nibda ngħid li qatlet it-Teatru Malti meta dan beda jieħu ftit tan-nifs. Din hi kustjoni nazzjonali u mhux kustjoni ta' x'jidħrilhom il-ftit tan-nies tal-kumitat. Qabel ma nibdew naraw it-Teatru Manoel fid-dawl ta' responsabilità soċjali Maltija, it-Teatru Manoel qatt ma jkun Teatru Nazzjonali Malti; jibqa' bħala xi ħaġa barranija bħal ħafna ħwejjeġ oħra barranin li qegħdin ifixklu ħafna l-progress ta' Malta indipendenti.

# ĠUŻÈ DIACONO BĦALA DRAMMATURGU F' "ERWIEĦ MARBUTA"

Ta' PAUL P. SULTANA

KULL dramm li jinħadem fuq il-palk jiddipendi ħafna għall-fama tiegħu minn atturi li jinterpretaw l-idejat tad-drammaturgu. "ERWIEĦ MARBUTA" ċertament iħalli wisq impressjoni aħjar jekk wieħed jarah maħdum ġo tejatru milli jekk wieħed jaqrah. Jekk Semjon Kolos ikun attur tajjeb, "Erwieħ Marbuta" jirnexxi, jekk il-parti ta' Semjon tinħadem ħażin, dan id-dramm jingħaqad ma' drammi oħra Maltin li intesew minħabba l-faqar tagħhom.

Il-karattri prinċipali huma Semjon Kolos, Anja, Mueller, Webbel, Von Seiler u Paċenka. Katerina u Daxa li jirrappreżentaw il-poplu Russu maħkum mill-Ġermaniżi għandhom parti qasira lejn it-tmiem id-dramm. Dawn il-karattri nistgħu nsejħulhom realistiċi għaliex bħalhom insibu fil-ħajja ta' kuljum. Naħseb li intom jiġrilkom bħali u tgħidu waqt li tkunu taqraw "Erwieħ Marbuta" "Ara Semjon jixbaħ lil dak il-bniedem jew lil dak l-artist ..., Ara Anja tixbaħ lil dik ix-xebba, li m'hix xebba iżda debba..." Minn dawn il-karattri kollha jien inħossni ċert li Ġużè Diacono ikkonċentra l-forzi drammatiċi tiegħu fuq Semjon Kolos. Ried ipinġih raġel kbir, sabiħ, b'saħħtu, ġentlom u edukat iżda li d-destin tah bil-ħarta. Safa agħma mill-egħdewwa tiegħu, imsawwat, imqatta', imbenġel u mbikki. L-unika konsolazzjoni li Semjon kien baqagħlu kien isibha fil-Vodka u f'Anja. Ma setax Semjon Kolos ma jfakkarnix f' "Samson Agonistes" ta' John Milton. Jekk wieħed joqgħod jaħseb isib ċerti idejat komuni.

It-tnejn huma għomja. Semjon iġġieled għal niesu, l-istess Sansun, Semjon kien tradut minn mara, Sansun ukoll, iżda waqt li Semjon Kolos sab il-konsolazzjoni fil-Vodka, Samson sabha fit-tama li għad jivvendika ruħu minn min għamillu d-deni – ħaġa li Semjon jagħmel meta jifga lil Mueller lejn it-tmiem tad-dramm. Iżda waqt li "Samson" ta' Milton narawh karattru ikbar fi tmiem it-traġedja, Semjon ta' Diacono huwa statiku – filbidu tad-dramm hu l-istess bħal fit-tmiem; qatt żgur minnu innifsu, u ma jafx x'inhu t-tajjeb jew il-ħażin. Barra mill-karatterizzazzjoni hu realistiku wkoll fl-ilbies Russu u fil-kant tradizzjonali.

Ġużè Diacono kiteb dan id-dramm bi stil ta' proża. Is-sentenzi huma qsar. Tant hu hekk li fid-dramm kollu erbgħa huma l-passaġġi twal li

jieħdu bejn għaxra u ħmistax il-linja tal-faċċata. "Erwieħ Marbuta", mela, hu kompost minn taħdidiet żgħar jew djalogi bejn l-atturi differenti. Hu minħabba dan il-fatt li għall-ewwel żewġ atti "Erwieħ Marbuta" jaħbat sa jsir monotonu minħabba n-nuqqas ta' azzjoni drammatika. Irridu nistennew sal-bidu tat-tieni att biex "Ninħasdu" ftit meta Semjon jagħmel għal Webbel għax dan iħobb lil Anja. Anja żżommu u toqgħod għarkubbtejha quddiem Semjon. Wara din l-azzjoni mgħaġġla t-tempo jerġa' jikkalma. Fit-tieni att, fejn Ġużè Diacono ried jasal fil-"climax", naraw aktar minn azzjoni waħda ta' qtugħ in-nifs jew "suspense".

Fl-istil purament Malti tħossu jistona kliem bħal "esasperat" (p. 43), jikkomisera (p. 44), (p. 6) dispaċċ u "rinforzi" qalb kliem Malti bħal "imsaġar", "sfiqa", jixxirka u maqagħdu (p. 47). Kitba ta' Malti sabiħ insibuha f'p. 81:

MUELLER: U ħallini, kemm int fitt!

SEMJON: Min jaf kieku nagħmlu lilek maġistrat tal-belt? Eh? x'tgħidli? Għada sħabi jieħdu l-belt f'idejhom u int tkun tista' taqta' ħaqq minn niesek. Trid? (Jidħak) X'tgħidli? (Jidħak. Mueller jibqa' ħosbien.) Tgħallmu ftit pulitka lil Seiler. Taf x'hemm ħażin, li niesi m'għadhomx jisimgħu minni. Għax kieku ... Qabel, taf kif? Kont nagħtihom is-sinjal u mas-sinjal tiegħi — hekk: (jimita l-għajta tas-seqer; l-oħrajn, speċjalment Mueller, jinħasdu) tarahom jixkattaw bħal tajfa isqra mxajtna minn qalb is-siġar, jeqirdu l-lifgħat Ġermaniżi. Imma ħrief qatt ma sabu. Dak kien ikun is-sinjal. Isma' (Jarġa' jimita l-għajta tas-seqer.)

F'dan id-dramm "Erwieħ Marbuta" ftit huma t-tixbihat; il-wiċċ bil-leħja ta' Semjon hu mxebbah ma' tal-barbaġann (p. 80), il-vodka hi mxebbha mal-velenu u għandna wkoll l-għajta tas-seqer.

Qabel ma nispiċċa din il-parti ta' l-Essay ma nixtieqx ma nsemmix xi żbalji żgħar li nnutajt. Nikkwota żewġ eżempji. (i) Paġna 39.

MUELLER: "Kemm għandkom għana sabiħ, Semjon. Imma jien ftit inħossha l-mużika. Forsi għax ma nħobbx, min jaf, mhux bħalek u Webbel. Ma nafx inħoss jien. Ara Webbel da'qt jaqbiżlu d-dmugħ (Jidħak) Nixorbu l-aħwa?" L-iżball qiegħed f'*ara*! Tgħid "ara" lil wieħed agħma? Mueller hawn qed ikellem lil agħma Semjon. Nesa li Semjon ma jarax?

(ii) Paġna 41 insibu żball u nuqqas ta' ħsieb f'dak li hu drama u sekwenza.

MUELLER: Hares Semjon, ħallina minn dan. Għandi x'ingħidlek.

SEMJON: Jaqaw, Mueller?

Ġużè Diacono wara li qajjem l-interess fl-ispettaturi biex jaraw x'ġej

wara dawn il-kliem jiġbed l-attenzjoni fl-istess ħin lejn Anja u Webbel – b'hekk inħoss li l-awtur naqqas l-effett tal-kurzità. (Nikkwota p. 41)

(Sadattant, Anja fittxet liż-żewġ xbejbiet l-oħra. X'ħin tarahom minsubin għal rashom, tmur ħdejhom. Webbel jitlaq warajha, jaqbadha minn wara, iħaddanha, ibusha. Anja, milwija ma' dahar ta' pultruna, iġġarrab dan kollu, bla ma tagħmel resistenza. Dan għaliha martirju, lil Webbel u niesu ma taħmilhomx, tobgħodhom b'qalbha kollha, imma jkollha toqgħod għal dan. Anqas ma tissogra ssamma' leħenha, li ma tnaffarx lil Semjon. Din xena aktarx twila, li Mueller mhux jara. Issa bla kliem, b'Daxa u Katerina mdarrsin għall-aħħar, imgħaddbin għal Anja, waqt li Mueller u Semjon ikomplu jitkellmu.)

MUELLER: Ġibtlek aħbar tajba. Għandi x'ingħidlek.

SEMJON: Trid tkellimni waħdi?

Kull drammaturgu f'kitbietu jkollu xi skop, xi messaġġ jew xi filosofija li jkun irid ipoġġi quddiem l-opinjoni pubblika. Ġużè Diacono f'"Erwieħ Marbuta" ried juri, kif nifhem jien, li l-faċċoliżmu ma jistax jirbaħ. Semjon, Anja u Mueller, it-tlieta jippruvaw, b'tustaġni kbira, jidħqu bir-Russi. Dan il-faċċoliżmu hu aktar ikrah f'Semjon u Anja għax dawn it-tnejn jippruvaw jidħqu b'pajjiżhom u b'ħuthom. Mueller, għallinqas hu għadu tar-Russi. Ma tantx nagħtuh tort għall-maniġġi tiegħu, iżda ma nistgħux naħfrulu, bħal ma jaħfrulhomx ir-Russi stess lil Semjon u lil Anja, li fi tmiem id-dramm jisfgħu imwaddba mit-tieqa f'idejn nieshom minn nieshom stess. F'dan il-kastig lill-faċċoliżmu l-awtur indirettament ifaħħar il-patrijottiżmu presentat fil-persuna ta' Pecenka, Daxa u Katerina.

Wara dan l-istudju ta' dan id-dramm inħoss li Ġużè Diacono ma messux semmiegħ "Erwieħ Marbuta". Liema huma l-Erwieħ Marbuta? Ta' Semjon u ta' Anja? Marbuta meta Anja baqgħet tidħak u tgħaddi biż-żmien lil Semjon sa tmiem tad-dramm? Kieku sejħilha "It-Traġedja ta' Semjon Kolos", inħoss li Ġużè Diacono aktar kien ikun eżatt fil-għażla tat-titlu għad-dramm tiegħu; u kien aktar jagħti stampa ċara ta' x'inhu d-dramm bi tlett atti "Erwieħ Marbuta".

# AKTAR TAGĦRIF FUQ: LAURENT ROPA

Ta' ANTON AGIUS MUSCAT

F'LEĦEN *il-Malti* (nru. 12; 1967) ir-Rev. Patri Piju Rapa, O.P., kiteb fuq "Dak li stajt niftakar dwar ħija Laurent Ropa". It-tagħrif li għoġbu jikteb sa jagħti ħjiel dwar irqaqat li jekk ma tkunx minn ta' ġewwa u tgħodd iż-żmien li għandu r-Rev. Patri Piju Rapa, qajla tkun tista' tiġbru kif ġieb u laħaq. Għamel sewwa ħafna Patri Piju Rapa li medd idu għal kitba fuq ħuh, u naħseb jien li jekk jiftakar aktar tagħrif siewi u jħallih miktub għal dawk ta' warajna, inkunu nistgħu nifhmu aħjar lil Laurent Ropa, wild Għawdex u kittieb li x-xogħol letterarju tiegħu aktarx ma nafuhx kif imissna hawn Malta.

Jiena u naqra l-kitba ta' Patri Piju Rapa, żewġ ħsibijiet ewlenin għaddew minn moħħi, u huma: l-ewwel, għandna nkunu nafuhulu lil Patri Piju għat-tagħrif tiegħu; it-tieni, jixraq inżid xi tagħrif biex inlaħħam fejn nista'.

Patri Piju Rapa qal: "... hawn Malta nkiteb fuq ħija Laurent fit-Tieni Ktieb 1937 ta' *Il-Malti* ta' l-*Għaqda* (illum *Akkademja*) kif ukoll fin-numru 12/58, Marzu 1958, tas-sensiela "Tajjeb li tkun taf", artiklu li sewwa sew ħdax-il ġurnata qabel il-mewt ta' Ropa, inġieb tista' tgħid kelma b'kelma fin-numru 421, 18 ta' Marzu, 1967 ta' *Ir-Review*. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar huma maħruġin mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni". Dak li deher fl-1967 fi *Ir-Review* huma tennija tal-istess kitba li dehret qabel fi *Ir-Review* wkoll. Dak il-wieħed li kiteb dan it-tagħrif kollu dwar Laurent Ropa hu: IVO MUSCAT AZZOPARDI, L.P., O.S.J. Il-bijografija ta' Laurent Ropa mhux biss kitibha Ivo Muscat Azzopardi u dehret fi *Ir-Review* għal darba, tnejn, (ukoll wara l-mewt ta' Ivo Muscat Azzopardi); f'Tajjeb li Tkun Taf; u f'*Nies Kbar Maltin*, is-serje "Il-Fanal", nru. 6, ktejjeb stampat fl-1963; iżda wkoll Ivo Muscat Azzopardi qraha f'waħda mis-sensiela ta' xandiriet "Nies Kbar Maltin" fuq ir-Rediffusion. Fix-xandira dwar Laurent Ropa, Ivo Muscat Azzopardi nstama' jitkellem mar-Rev. Patri Piju Rapa, O.P., dwar ħuh Laurent. Minn dik ix-xandira nista' nfakkar hawn li Patri Piju stqarr li sa fejn jaf hu kien il-Prof. Ġużè Aquilina li qaleb għall-Malti xi biċċa xogħol ta' ħuh Laurent, u dax-xogħol hu r-rumanz *Le Chant de la Noria*, *Il-Għanja tas-Sienja*, li deher fi Il-Berqa ftit ftit mill-31/12/1952 sal-4/2/1953.

Għalhekk: għalkemm huwa minnu li d-Dipartiment tal-Informazzjoni tal-Gvern Malti ta l-għajnuna tiegħu, u j'Alla jissokta jagħti kif imissu u kif jixraq għajnuna siewja sabiex kemm il-Maltin infushom u kemm ix-xogħol sabiħ tagħhom jagħrfuh aħjar, kien b'riħet ir-rieda tajba, il-ħerqa biex isemma' xogħol il-Maltin wil-kitba ta' Ivo Muscat Azzopardi li lil Laurent Ropa nafuh ftit aħjar hawn Malta. Kulħadd dak li ħaqqu! Dan li qed ingħid b'riħet Ivo Muscat Azzopardi jitqawwa meta naqraw x'kitiblu Laurent Ropa nnifsu f'ittra li bgħatlu lil Ivo:

"Piacè, le 25 avril 1963.

Cher ami Ivo,

Je viens, avec beaucoup de retard, vous dire que le travail que vous avez entrepris sur les grands Maltais vous honore. Il est pour les génèrations futures un idèal et un example propres à exalter leur patriotisme.

Merci pour la biographie que vous avez consacrée à Laurent Ropa; vous le connaissez mieux qui lui.

Mes compliments les plus cordiaux. Bonne santé pour vous-même et pour toute votre famille.

L. Ropa"

L-ittra titkellem għaliha nfisha. Ta' min iżid li għalkemm l-ittra hi ffirmata minn L. Ropa u trodd ħsiebu, iżda l-kitba ta' ħaddieħor, naħseb ta' martu. Għalhekk ukoll tilmaħ għażla bejn l-id li ħażżet il-firma u dik li kitbet: "A Joseph Qquilina, mon cher compatriote, au savant philologue, au guide de notre Jeunesse: Piace, le 24.10.64", fuq ir-ritratt ta' L. Ropa li deher f'Leħen il-Malti, 1967, għadd 12, biswit paġna 3.

Ivo Muscat Azzopardi f'safra tiegħu fis-sajf fi Franza kellu xewqa jiltaqa' ma' Laurent Ropa, iżda dan minħabba saħħtu ma satax jitla' Pariġi. B'danakollu, Laurent bagħat lil ibnu Denis. Denis, il-wild il-kbir ta' Laurent, kif instama' jgħid Patri Piju hu u jitkellem ma' Ivo Muscat Azzopardi fix-xandira li semmejt, kien dak iż-żmien tax-xandira imexxi istitut ta' Kultura Franċiża kif ukoll professur tal-Lsien Franċiż fir-Republika ta' San Domingo. Tifkira ta' dik il-laqgħa f'Pariġi bejn Ivo Muscat Azzopardi u Denis Ropa huwa r-ritratt meħud minn Vera Muscat Azzopardi, L.P., bint Ivo, li kienet ma' missierha waqt dik is-safra. Ir-ritratt ta' Denis Ropa dak in-nhar ta' min iqabblu ma' dak tal-missier Laurent meħud fi Frar fl-1937.

Fil-bijografija tiegħu dwar Laurent Ropa, Ivo Muscat Azzopardi jsemmi: "... Ropa ħareġ tliet kotba żgħar tal-poeżiji. L-ewwel wieħed deher fl-1945 bl-isem 'Notre-Dame-De-La-Vie' li huwa ddedikah lil martu. Fih juri r-rispett u l-qima kbira li għandu lejha". Naħseb ta' min inġib hawn

kif tintemm dil-poema maħsuba għal martu biex ikollna ħjiel tal-kitba tiegħu:

(p. 15): "J'ai fait un beau voyage avec ma Bien-Aimée,
un voyage d'Amour!

Trois Anges nous ont offert les Raisins du Sabctuaire
et nous nous sommes envirés de leur jus divin,

Voletez autour de l'Arbre de Vie, Colombes de l'Amour,
tournoyez en quête de Joie!

Etincelles du Feu de la Terre, éphèmères étincelles,
jaillissez en étoiles vers le Ciel!
Anéantissez-vous dans la Lumière Eternelle!

J'ai fait un beau voyage avec ma Bien-Aimée,
j'ai fait un saint voyage!

O les Jardins de Roses! O les Jardins de Lys!"

Dax-xogħol poetiku fejn fih jistqarr li: "J'ai fait un saint voyage avec ma Bien-Aimée!" (p. 6) u jbierek il-ħajja* li tidhirlu twarrad, ħareġ fi żmien meta bintu Edith ħalliet dar missierha biex tibni l-bejta tagħha, għax fi tmiem il-ktejjeb, p. 16, insibu:

"Pour Edith et Maurice.

A votre tour, Enfants, vous voici donc partis
A deux, sur le chemin de beau pèlerinage.
Vos Anges, vous offrant les Raisins du Voyage,
Puissent-ils vous guider en jusque Paradis.

Sillé-le-Guillaume, 27 Decembre 1945".

Il-kliem li Laurent Ropa kiteb (u din id-darba l-kitba kollha tiegħu) fuq il-qxura tal-kopja ta' dil-poema li bagħat lil Ivo Muscat Azzopardi, juri kemm il-poema u ż-żwieġ ta' bintu bħallikieku waħda marbuta mal-oħra: "A Ivo Muscat Azzopardi, à l'Ami et au Poète, en souvenir du mariage de ma fille. 17.I.46. L.R." Fit-taħdit tiegħu ma' Ivo Muscat Azzopardi waqt ix-xandira li semmejt, Patri Piju qal li sa fejn jaf hu, il-poema "Notre-Dame-De-La-Vie" kienet "l-aktar għal qalb ħija". Dal-kliem qed nagħtih għax dik it-taħdita, sa fejn nista' naqbad, mhix imniżżla mkien. Min jix-tieq jaqra "Notre-Dame-De-La-Vie" u tagħrif qasir ħafna dwar Laurent Ropa, għandu jfittex il-"Malta Cultural Institute Bulletin", nru. 138,

Novembru 1965, paġna 4, taħt ir-ras, "Maltese Poets of the XX Century".

Dat-tagħrif ħadt sabar niġbru u niktbu għax jidhirli aħjar jitniżżel qabel ma ż-żmien inessih u jaħtfu fil-baħħ ta' ħdanu. Nittama aktar tagħrif siewi dwar Laurent Ropa għad jidher: mhux dwaru biss, iżda wkoll dwar Maltin u Għawdxin oħra, imweldin jew mhumiex f'Malta jew f'Għawdex, u li taw ħidma u għaqal ta' moħħhom b'risq "Din l-Art Helwa".

## FUQ IL-QABAR TA' JOHN KEATS

"Here lies one whose name
was writ in water"

*Ja Mewt tidħakx; jidħak it-trab hawn taħt!*
*Jekk inti kiefra, kiefra ma' min le ħadem!*
*Dat-trab dejjiem, aħrab, 'l hawnhekk tersaqx!*

*U miegħu jgħaxxex lis-Sabiħ u t-Tajjeb,*
*il-Ġmiel kullfejn jinsab — u inti kerha,*
*ibki l-kruha tiegħek li f'dat-trab le tgħix!*

*Tersaq imhejma t-Tfajla Mingħajr Hajr*
*biex tagħti ħajr lil min il-ħajja taha;*
*u minn wara dawk is-siġar imbikkija jersqu*
*Isabella, Madelina, Lamja,*
*Lorenzo, Porfiro, Anġla x-xwejħa w l-oħrajn kollha —*

*W għad li l-Ħaġra tgħid*
*li ismu ħażżeż fil-wiċċ tal-ilma,*
*meta lura Malta*
*ħares fis-sema l'isbaħ minnu m'hawnx,*
*tarah fil-kwiekeb jilma!*

Ruma: 8.v.69. WALLACE PH. GULIA

# KUNTRADIZZJONIJIET FIL-PERSUNALITA' POETIKA TA' KARMENU VASSALLO

Ta' OLIVER FRIGGIERI

KUNTRADIZZJONI, fiha nnifisha, nqisuha bħala nuqqas ta' perfezzjoni, jekk mhux ukoll l-aqwa ċirkustanza li teskludi l-perfezzjoni. Iżda fejn tidħol l-arti, inħoss li l-każ hu differenti. L-arti hija riżultat assolut ta' sensibbilita' partikulari. Dan ir-riżultat, sewwa sew għaliex huwa assolut, ma jistax jitqies b'tixbih mal-forma idejali li seta' ħa, iżda ma' l-istat li ħa tabilħaqq. Għalhekk, anki meta biċċa xogħol artistika tidher f'għajnejn il-kritiku bħala kuntradittorja, din l-istess kuntradizzjoni ma tistax titqies bħala element negattiv iżda bħala punt li għandu s-siwi tiegħu relattiv fir-riżultat kollu. Din il-kuntradittorjetà, bħall-assurdità tal-letteratura moderna, għandha l-loġika tagħha.

Din il-kunsiderazzjoni jidhirli li hija meħtieġa biex nifhmu l-kontinwità u r-rabta psikoloġika anki fil-każ ta' poeta temperamentali bħal Karmenu Vassallo. Vassallo ma hux il-poeta li jemmen fit-tejorija tat-trankwillità ta' Wordsworth. Huwa l-poeta li mexxielu jħalli l-persunalità tiegħu ta' artist imfissra biċ-ċirkustanzi differenti ta' mumenti sinifikanti ta' ħajtu.

Għidt li l-poeżiji tiegħu huma ċ-ċirkustanzi tal-esperjenza tiegħu. Wieħed jista' jgħid li l-poeżiji ta' kull poeta huma ċirkustanzi. Tabilħaqq. Iżda fil-każ ta' Vassallo inħoss li l-qofol karatteristiku qiegħed sewwa sew fil-fatt li l-poeta, meta jġarrab l-esperjenza, ma jħalli ebda kundizzjoni ta' żmien jew influwenza intellettwali tbiddillu l-ideja tiegħu — li ma hux ħlief ġudizzju persunali — dwar dak li jkun għadda minnu. Huwa jaċċetta l-esperjenza kif inhi, mingħajr ma jqis li f'waqt ieħor dik l-istess esperjenza tista' tieħu xeħta aħjar jew differenti għal kollox. L-akbar kuntrast ma' din l-imġieba poetika hija l-arti ta' Ružar Briffa li jħalli s-sensazzjoni tiegħu tgħaddi mill-għarbiel taż-żmien u minn tibdil ieħor aċċidentali li jiġi mill-influwenzi tal-ambjent.

F'kelma waħda, il-persunalità poetika ta' Vassallo tħaddan fiha l-kuntradizzjonijiet tagħha li, kif għidt, fil-kumpless tagħhom huma punt deċisiv fi żvilupp wieħed u maqgħud.

X'inhuma l-limiti ta' dawn il-kuntradizzjonijiet?

Qabel xejn, jiena nħoss li l-aqwa ħaġa li turi li l-artist huwa awtentiku u mhux dilettant sempliċi li jixtieq ifisser dak li jħoss, hija l-unità psikoloġika li tagħtih timbru persunali. Din hija ideja li daħlet fil-ġudizzju kritiku tal-letteratura sa miż-żminijiet tal-Arkadja. Għalija l-poeta, bħal kull artist ieħor, jeħtieġlu jkun bniedem wieħed, fidil lejh innifsu u lejn il-prinċipji li, wara kollox, ma humiex ħlief biċċa minnu. Ir-riżultat ta' dan kollu huwa l-proċess ta' żvilupp. F'Vassallo l-iżvilupp huwa l-pessimiżmu. Vassallo, għallinqas dak li nafu minn 'Nirien' huwa essenzjalment pessimista. Ma hux assolutista, iżda jekk tneħħilu l-pessimiżmu tkun teqridlu l-fisonomija tiegħu kollha ta' poeta. Fil-pessimiżmu Vassallo jikseb il-figura sħiħa tiegħu. Huwa jibda minn punt elementari ta' analisi persunali: jistaqsi lilu nnifsu min hu; kif u għaliex sab ruħu fl-eżistenza; x'jedd kellu ħaddieħor iġibu fl-eżistenza (u dan huwa punt oriġinali ħafna); xi tfisser din l-eżistenza fil-kundizzjonijiet negattivi tiegħu; għaliex ma jistax, minkejja l-qawwa tal-volontà, jegħleb iċ-ċirkustanzi. Dawn huma kollha dilemmi filosofiċi li fil-moħħ tal-poeta jibdlu l-lewn ġeneriku tagħhom u jieħdu xeħta persunali u singulari, b'mod li jsiru problemi psikoloġiċi. Ir-rużultat huwa poeżija mija fil-mija suġġettiva, introspettiva minkejja li xi drabi tesprimi ruħha b'ton li jixbaħ ħafna l-kelma familjari. Dan ir-rużultat, għaliex huwa proċess, huwa l-ogħla punt ta' żvilupp fil-pessimiżmu ta' Vassallo, punt li fisser ruħu f''Vanġelu ieħor', fi 'Mysterium mysteriorum', f''Il-biża tiegħi' u f'oħrajn. Huma l-poeżiji li qatt ma setgħu inkitbu li kieku l-poeta ma sarx jaf min hu u x'jaħseb hu stess dwaru nnifsu. Il poeżiji li jiġu fil-bidu ta' dan l-iżvilupp huma 'Jien', 'Waħdi' 'Dejjem ... Qatt' u oħrajn. Din il-gradazzjoni fl-iżvilupp tal-pessimiżmu mhux bilfors teħtieġ li l-poeżiji li, fl-analisi tagħna jidhru aktar sempliċi, inkitbu qabel l-oħrajn li huma aktar kumplessi u li jippresupponu l-bqija. Jiena ma nemminx li l-apprezzament estetiku tal-persunalità sħiħa ta' poeta jiddipendi mill-ordni kronoloġiku tal-produzzjoni. Ir-raġuni hija waħda. Vassallo huwa poeta li jaħtaf iċ-ċirkustanza. Kull ċirkustanza hija punt li għandu s-siwi relattiv tiegħu imbarra s-siwi intrinsiku. Biex lil Vassallo nifhmuh fil-qofol tal-pessimiżmu tiegħu, irridu ninsew li kull poeżija hija mument u ngħaqqdu l-mumenti kollha f'ħaġa waħda. Dan l-irbit ma jeħtiġlux jiġi kkunsidrat mill-ordni kronoloġiku, għaliex, kif għidt, il-poeta jintrebaħ mit-temperament f'kull varjazzjoni tiegħu. Dawn il-varjazzjonijiet huma sewwa sew il-kuntradizzjonijiet.

B'din l-ideja ħafifa tal-persunalita ta' Vassallo, nifhmu aħjar il-kuntradizzjonijiet tagħha fil-limiti li jinsabu fihom. Huma eżattament dawn il-

limiti li jiġġustifikaw l-eżistenza tagħhom u jagħtuhom sens pożittiv fl-istess żvilupp intellettwali. Il-limiti tal-kuntradizzjonijiet huma l-mistoqsijiet enigmatiċi li semmejna ftit ilu; l-istess mistoqsijiet li jsawru l-filosofija pessimista ta' Vassallo. F'kelma waħda, Vassallo jippreżenta dak li jħoss hu bħala bniedem fi stat ta' passivita' – minkejja l-imġieba rijazzjonarja tiegħu –, iżda fost il mumenti ta' ħajtu, jixirfu mumenti li ma jaqblux mal-mumenti l-oħra aktar importanti. Huma waqtiet psikoloġiċi li jistgħu jikkuntradiċu l-psikoloġija ta' l-awtur iżda ma jbiddluhiex. U din hija r-raġuni li għaliha jiena nibqa' nżomm li Vassallo, għallinqas dak li nafu f'*Nirien*, hu essenzjalment pessimista.

Dan it-tqegħid tal-kuntradizzjonijiet fil-limiti tal-filosofija ta' Vassallo inħoss li hu mportanti bħala l-ġustifikazzjoni ta' dawn il-varjazzjonijiet. Li kieku l-poeżiji li ma tistax tgħidilhom tipikament ta' Vassallo ma kellhomx xi ħaġa, imqar il-kuntrast, li torbothom mal-poeżiji pessimisti, għalija ma kienu jkunu poeżiji xejn. Kienu jkunu versi li ma tistax tispjegahom b'riferenza mal-esperjenza. (Hawn ta' min isemmi li, dan huwa wieħed mid-defiċjenzi fil-personalita ta' Dun Karm li, waqt li hu essenzjalment poeta nazzjonalista u reliġjuż mija fil-mija, kiteb poeżiji li jwaqqgħu in-nazzjonaliżmu tiegħu u li jfissru dubji, imqar jekk b'mod ipotetiku, dwar il-fidi kattolika. Poeżiji Bħal dawn ma jistax ikun li Dun Karm ħasshom u għexhom qabel kitibhom).

X'inhuma l-kuntradizzjonijiet fil-personalità ta' Vassallo? Huma dawk li l-prof. Aquilina jarahom bħala l-kawża tad-dikotomija fil-poeta. Din il-kelma dikotomija tiftiehem malajr fil-kuntest ta' poeta li jaħtaf iċ-ċirkustanzi bħal Vassallo. Biss, ir-rabta bejn il-karattru temperamentali tal-poeta u d-dikotomija, meħudin fis-sens ta' kawża u effett, tista' tfisser li l-poeta ma għandux individwalità, iżda huwa biss vittma taċ-ċirkustanzi, mingħajr ebda marka partikulari li tibqa' teżisti, għalkemm b'mod imrażżan, f'kull kundizzjoni kuntrarja. Il-kelma dikotomija, min-naħa l-oħra nibża' li tista' tirriduċi l-karattru tal-poeta f'żewġ xeħtiet opposti sempliċi, u tnissi l-kumplessità psikoloġika li fih u li, fost l-oħrajn, tesprimi ruħha fil-kuntradizzjonijiet tagħha.

Il-kuntradizzjonijiet fil-persunalità ta' Vassallo huma mqanqlin mill-ambjent kattolku ta' Malta. Forsi Vassallo huwa l-uniku poeta Malti li rnexxielu jegħleb fi żmienu lil dan l-ambjent magħluq u mejjet biex ifisser ruħu kif iħoss u mingħajr ħabi. Minkejja dan il-kuraġġ fl-espressjoni, Vassallo ħass x'jimbuttah lura lejn l-istat aktar sempliċċi meta kellu viżjoni aktar pożittiva u ċara tar-rejaltà immedjata. U minn hekk tnisslu

poeżiji bħal 'Ix-xmajjar tas-snin', 'Il-ġid u d-deni' u 'Poeta nisrani'.

Hemm ħafna x'tgħid biex tfisser ftit kif dawn il-mumenti kuntradittorji fil-persunalità poetika ta' Vassallo huma punti pożittivi, għalkemm mhumiex meħtieġa fil-proċess pessimista. Forsi l-akbar tifsira tagħhom fil-fatt li mexxielhom irażżnu l-pessimiżmu tal-poeta u jikkundizzjonawh b'mod li ma jħalluhx jersaq lejn l-assolutiżmu ta' Leopardi. Iżda l-punt importanti dwarhom jibqa' li huma dejjem varjazzjonijiet ta' l-istess tema: f'dan il-fatt hemm is-siwi u l-ġustifikazzjoni tagħhom.

## BEATLES

*Għalkemm lè jgħannu, lè iżda jistmerru*
*l-uċuħ ta' dawk iż-żgħażagħ, huma xtaqu*
*mal-moda tagħhom jimxu u r-ras ikerrħu;*
*u dlonk tad-drawwa l-ġdida l-ħlewwa daqu.*

*B'surthom id-dwejjaq tad-dinja jderru.*
*Mal-ħmir ta' Don Giovanni ż-żwiemel saqu:*
*għajnejhom fuq tfajliet dejjem iġerru,*
*fil-għażż fuq bank f'xi ġnien ix-xemx jilagħqu.*

*Illum is-saltna ta' kull arti tagħhom,*
*fid-daqq, fil-għana, ukoll fil-poeżija.*
*Kull ġenn ta' moħħ tarah issieħeb magħhom.*

*Bi sbuħithom ixejnu kull sbuħija,*
*ir-Reġina ma' sħabhom b'ġieh tilqagħhom*
*xtaqu, lè kisbu, għax ċaħdu r-Ruħ Maltija!*

A. CREMONA

## IL-ĠIFEN

*Beraq,*
*ragħad*
*u sajjetti . . .*
*Tempesta kullimkien*
*f'dan il-ħolqien!*
*'Il barra, 'l barra sewwa*
*mill-portijiet kennija*
*ġifen għaddej*
*f'baħar igħaqqad is-smewwiet u l-art,*
*jiġġerra waħdu,*
*mitluq għal kollox*
*minn min imissu*
*qed imexxih.*

*Hemm hu!*
*Tield' fuq għolja.*
*daqt jasal fil-quċċata . . .*
*'Ma f'daqqa waħda jmil*
*u jinżel f'qiegħ il-wied u jara l-mewt!*
*Iżda mill-ġdid*
*l-għoljiet ta' l-ilmijiet irossu fuqu*
*u bħal tarbija fuq dirgħajhom twal*
*ħallihom 'l hawn u 'l hinn*
*ibandlu fih.*

*U jien,*
*waħdi,*
*waħdi fis-Saltna tiegħi*
*– is-Saltna ta' l-Imħabba –*
*qed inħarislu*
*daqqa minn lamberżun w oħra minn ieħor*
*biex nara sseħħ bla ħsieb il-ġrajja tiegħu*
*qisha xi ktieb qadim*
*mitluq fil-beraħ*
*bil-folji jduru waħda wara l-oħra*
*maż-żiffa*

*li tkun għaddejja*
*u ħadd,*
*ħlief xi fatat,*
*ma jkun qed jaqra*
*x'inkiteb fih!*

*U l-ġifen għadu hemm*
*fil-baħar kbir,*
*jilgħab mal-mewt:*
*donnu kultant jaħrabha*
*w oħra jrid jidħak biha.*

*U jiena hawn,*
*ħieles għal kollox mit-tempesta t'issa*
*għaliex qabel ma faqqgħet irnexxieli*
*nibni mit-tafal moħmi b'nar l-Imħabba*
*Saltna qawwija*
*li fiha ħadd ma jgħix*
*għajri*
*u għajr Imħabbti.*
*U hekk bil-ħeġġa*
*ta' qalb żagħżugħa nista'*
*nixħet fl-inkaljatur il-faħam iswed,*
*inkebbes taħt n-nar u nibqa' ndawwar*
*sa ma jsir porvli,*
*u jien nimlieh fi skrataċ,*
*u b'qalb qawwija*
*nispara 'l hawn u 'l hinn fid-dinja kbira,*
*biex nimla kullimkien bi xrar l-Imħabba.*

*Hemm huwa l-ġifen!*
*Għoddu tgħatta għal kollox*
*mill-ħalel qliel.*
*U ġismi jqum xewk xewk,*
*u jtini l-bard.*
*Id-dmir dlonk isejjaħli*
*biex indawwar*
*fomm il-kanuni kbar tas-Saltna tiegħi*
*kontra l-qawwiet qerrieda tal-ħolqien*
*u hekk,*
*fil-għoli sewwa,*

*nifrex lil hawn u 'l hinn xrariet l-imħabba,*
*biex jinżlu mis-smewwiet bħal trab imdieheb,*
*u jġibu s-sliem*
*ma' kullimkien.*

*Imma*
*dix-xewqa tiegħi*
*ma tintemmlix.*
*Għax hekk kif joħorġu*
*il-balal ta' l-Imħabba*
*minn fomm il-kanuni*
*tas-Saltna tiegħi*
*tixxarrab il-miċċa w tintefa*
*u kollox jisfa xejn!*

*Hekk hija l-ħajja!*
*Fi żmien il-qtigħ ta' qalb*
*taħbat tittama li se toħroġ tiġri*
*mill-ħolma tiegħek kerha.*
*'Ma fl-aħħar issib*
*li bħal farfett li jkun il-falza ħalla*
*mas-swaba żgħar*
*ta' tfajjal bla ħsieb,*
*inti tkun tista' biss timxi tqil tqil,*
*iżda ma ttirx!*

*Nixtieq nagħti l-għajnuna ...*
*Kollu ta' xejn!*
*Nixtieq inrażżan*
*il-qilla tan-natura ...*
*nifga qabel ma jfaqqsu*
*is-sriep waħxin ta' ġos-smewwiet imgħaddba,*
*inraqqad ħelu ħelu*
*l-irjieħ ħorox u qliel,*
*insikket*
*il-mewġ qerriedi,*
*u nġib is-sliema*
*fejn hemm il-għawġ.*

*Imma x'se nagħmel?*
*Noħroġ mis-Saltna tiegħi u nsir trietaq?*
*Id-dinja lesta għalija biex tixlini*

*bħala bniedem li taħa*
*f'idejn l-għedewwa!*
*Hi tgħaddini b'ħati,*
*tagħtini s-swat*
*u tonxorni rasi 'l isfel*
*fuq l-eqqel salib!*
*Għaliex mhux tagħha,*
*w anqas hu magħha*
*min iħabbar*
*u jxandar*
*ma' kullimkien*
*l-Aħbar it-Tajba lill-bnedmin uliedha.*
*U agħar minn Ġuda l-Iskarjot għaliha*
*hu dak li jċarrat il-faldrappa sewda*
*li xeħtet hija f'wiċċ l-Imħabba safja*
*biex taħbilha ġmielha!*

*It-tama tiegħi*
*qiegħda biss fik, O Alla,*
*għax Int ħabbejt l-Imħabba sa minn dejjem,*
*qabel ma beda ż-żmien,*
*u fraħt*
*meta l-bnedmin qalulek:*
*"Missierna,*
*li inti fis-smewwiet!*
*Jitqaddes ismek,*
*tiġi Saltnatek . . ."*

*Jalla,*
*Missier!*
*Jalla tiġi tassew fid-dinja bierda*
*Saltnatek u ma ddumx!*
*U b'din ix-xewqa f'qalbi*
*ħallini nixħet*
*il-bewsa tiegħi sħuna*
*fuq il-ħaddejn*
*ta' kull maħluq li fuq il-ġifen qiegħed*
*rieqed fil-fond,*
*mirkub mill-għeja ta' dil-ħajja iebsa,*
*biex hekk hu u jistenbaħ*

*iħoss għemil l-Imħabba u jerġa' jixgħel*
*bil-ħeġġa*
*għax-xogħol tiegħu qaddis.*
*Hekk fuq il-ġifen*
*bħal friefet ħfief kulħadd jibda jiġġerra*
*f'ħidma ta' fejda*
*u jsibu s-Sliema!*

*Imma l-ħin dieħel.*
*U ż-żmien qed jagħfas sewwa.*
*U kulma xtaqt,*
*kulma tħabatt għalih*
*aktarx*
*sfali fix-xejn!*
*Il-ġifen għadu hemm*
*f'nofs it-tempesta.*
*U ħadd ma jidher fuqu,*
*ħadd . . .*
*ebda ruħ!*
*Fejnu l-Kaptan?*
*U l-baħrin fejn huma?*
*U kif qed naħseb dan*
*ridt ngħajjat għall-għajnuna.*

*Iżda bħal min fil-ħolm iħossu fgat*
*waqt li jinħakem sew minn xi ħaddiela*
*il-għajta mietet*
*ħesrem fuq ommha*
*u bqajt mingħajr tweġiba.*
*X'nagħmel?*
*Qabadni ferħ ta' ġenn!*
*Naqbeż il-baħar?*
*Noħroġ mis-Saltna tiegħi?*
*Immut minn issa?*

*Le!*
*Nibqa' fejn jien,*
*imdawwar mill-iswar tas-Saltna tiegħi!*
*Ġenn*
*tħalli l-bews jaħraq ta' l-Imħabba jiksaħ*
*biex toħroġ tiġri fuq muntanji jbajdu*

*bis-silġ li qed jiksihom*
*u l-ebda ruħ ma ssib*
*titlob l-għajnuna!*
*Ġenn*
*tħalli ġo fik ix-xrara ta' l-Imħabba*
*tħeġġeġ bla lġiem u ttelfek ir-raġuni*
*u tixħtek taqbad ġo nirien qawwija*
*fejn eba ruħ mhi qiegħda!*
*Ġenn*
*tinżel ħaj taħt l-ilma*
*biex tfittex il-mejtin*
*u tmut imgħarraq!*
*Le!*
*Mhix ħaġa sewwa*
*tagħmel xogħol ix-Xitan*
*biex tgħid li m'intix rieqed!*
*Aħjar tistabar milli titlef għaqlek*
*waqt qtigħ il-qalb.*
*Aħjar tagħtiha għat-talb*
*milli tagħlaq għajnejk mill-ħniena t'Alla*
*u tfur bil-qilla*
*kontra min qiegħed*
*rieqed fil-fond ġo soddtu*
*u jħalli l-ġifen tiegħu*
*sejjer għal riħu.*

*Iż-żmien ifejjaq!*
*U t-tajjeb fl-aħħar jagħleb lill-ħażin!*
*U jtir in-ngħas minn wiċċ id-dinja bierda.*
*U jxikkel il-ħolqien il-qilla tiegħu,*
*u l-ħajja tqum mill-ġdid.*

*U jidhru n-nies beżlin li jmexxu l-ġifen*
*bil-għaqal kollu kif tassew irid*
*Missierna*
*li qiegħed fis-Smewwiet.*
*U tkun ir-rebħa kbira!*
*Jidħol il-ġifen b'għajat kbir ta' ferħ,*
*mixgħul kollu kemm hu bi dwal imlewna*
*u l-ankra jniżżel ġewwa Port is-Sliema*

*tas-Saltna tiegħi*
*– is-Saltna ta' l-Imħabba –*
*u niftaħ il-bieb beraħ għall-baħħara*
*u nagħmlu festa kbira.*
*Għax dak ikun jum ġdid ta' fidwa għalina,*
*u nagħ'rfu li tassew aħna lkoll aħwa,*
*ulied l-istess Missier li qiegħed magħna.*
*U dak ikun jum kbir,*
*jum kollu dija,*
*għax tixgħel f'qalb kulħadd il-ħbiberija!*

12.xii.68 FR. EDWARD FENECH O.S.A.

## NEOKOLONJALIŻMU

*Bħal faxx duħħan abjad*
*imħolli wara ġett fis-seba' sema*
*jitwessa', jiċċara u ftit ftit jintilef fix-xejn*
*l-iżjed qarib lejn l-art,*
*flok bil-maqlub.*
*Hekk*
*il-bejgħ ta' Malta*
*lill-barrani –*
*sid minn dejjem*
*u llum iżjed minn qabel;*
*bejgħ*
*l-ulied qarrieqa ta' din l-art*
*li jgħarwnu l-potenzjal tal-lira tagħna:*
*ħlas għaraq xbin massa ħaddiema.*
*Is-sistema ultra-kapitalista ġdida*
*tħabbar invażjoni egoista*
*tassedjana*
*bla sabar u bla serħan*
*kif lill-flus jixraq*
*u jedd is-sid ipaxxi għalih biss,*
*ego privileġġjat über Alles*
*għax fqir kulħadd ħlief is-sinjur.*

*ġid moħbi jew imrekken barra artna,*
*investit f'kapriċċi spekulattivi,*
*ġid mormi jew imħaddan*
*flok imqassam*
*lill-vittmi "ċittadini".*
*djar kbar, ġodda u antiki,*
*patios,* swimming pools, *ġonna*
*bla mislufa lill-Maltin*
*mistkerrhin u mjassra*
*imċaħħda saħansitra minn fejn jgħumu,*
*jgħixu,*
*u minn fejn joqogħdu . . .*
*neo-kolonjaliżmu dan,*
*'ma kiefer iżjed minn ta' qablu*
*isallab biz-zkuk tagħna*
*ipatti sette giugno*
*u jistieden ieħor.*
*Batu, Maltin,*
*tqumux tissieltu jeddkhom,*
*sofru, sofru*
*Maltin mexxejja*
*qaddejja tal-istint flok*
*xempji tal-qlubija!*
*duħħan tabilħaqq dan,*
*jintefa qabel jasal l-art*
*u jservi skopijiet oħrajn*
*għajr dawk Maltija.*

23.vi.68 H. FRENDO

## ARENA

*Għajjien*
*bit-toqol ta' piż li ma jidhirx.*

*Ħosbien*
*il-ħsieb ta' min ma jifhimnix.*

*Sogħbien*
*li l-mard ma ħelisnix.*

*Sturdut*
*minn kliem ilsieni misħut.*

*Maħqur*
*minn "ħbieb" izekzku għall-furur.*

*Skantat*
*quddiem ċaħda mill-ogħla xewqat.*

*Mirfus*
*fuq il-waħdi mill-indħil isus.*

*Bla tama*
*li nitwettaq qabel nagħma.*

*Maħrub*
*bil-ktajjen minn għonqi marbut.*

*Beżżiegħi*
*bħallikieku ħajti mbux tiegħi.*

*enigma,*
*għajjien,*
*xewqan lili nnifsi,*
*xewqan il-jien veru,*
*mitluf f'*treasure hunt *psikoloġika*
*li tross-u timbotta*
*minn taħt tbissim sfurzat*
*fuq l-irfis tax-xewqat*
*u ħbieb*
*jitħabbu ma' ħaddieħor*
*u jirkbu t-telfa tal-mument*
*iħeġġu l-gwerra . . .*
*fuq vittma qed tagħma u titħerra.*

3.vi68. H. FRENDO

## NON-EŻISTENZA

*il-kapsula tilfet triqitha*
*u l-alsatian russu qed jinbaħ bil-mod,*
*ir-radio transmitter jirtgħod,*
*iċekċek il-waqfien mix-xogħol . . .*
*l-alsatian jinxteħet u jimtedd,*
*jitħabat mal-maskra, il-għaraq ixedd,*
*jinħall u jogħla mill-art,*
*jerfa' l-ħadid b'rasu u jibqa' tiela' 'l fuq,*
*jibla' l-qamar f'nifs wieħed,*
*jdewbu f'ħalqu u jobżqu lix-xemx,*
*iħoss stilla tgħammixlu għajnejh*
*tiġrilu ma' griżmejh u tagħmih,*
*u jokrob l-aħħar nebħa minn taħt l-ilsien,*
*qabel ma l-ħaj,*
*fuq it-tilar,*
*jegħreq fin-non-eżistenza,*
*igħum imgħarraq fl-ispazju tal-vojt,*
*u bl-istimulu tal-pentatol fil-vina*
*jegħreq fid-demm ta' elf serduq*
*mingħajr ma jmut.*
*waqgħat kapsula f'ġuf ta' vulkan*
*u t-tqaxxira tan-nirien*
*dewbet il-ġilda taċ-ċimpanżee,*
*li waqa' f'dan l-abbiss . . .*
*jieħu xokk u jistenbaħ*
*bejn ħaj u bejn mejjet bl-uġigħ,*
*u jaħbat se jiżvoga ftit u jlissen*
*"ajma!"*
*meta fil-pront il-petidine*
*jissokta jiċċungah mill-ġdid*
*u jmiddu għal mejjet.*

8.ii.68 H. FRENDO

# IL-FIDWA TAL-BNIEDEM

*B'ilħna t'arpi*
*feġġ l-ewwel xaqq dawl*
*tax-xemx fix-xefaq ....*
*u ż-żifna għadha sejra*
*bla qatt noħroġ tellief*
*għall-għejja ta' riġlejja.*

*Kont għadni żagħżugħ*
*Mistur taħt mantar*
*nisġa ta' lwien il-laringa*
*ħafif daqs in-nida djamanti*
*fuq wejdet il-weraq ħadrani*
*ġo wied fil-Ġudea;*
*kont għadni nitbaxxa*
*u nogħla u niġri*
*bħal naħla ħafifa*
*biżlija*
*li xxammem kull warda*
*fil-wied.*

*Waqaft ....*
*ħarist ma dwari ....*
*ilmaħt minn ġo ħondoq*
*fix-xagħ'ri*
*ras tqila għajjiena*
*miżmuma minn dlielha*
*minn id sewdenija*
*ġgantija*
*tal-bojja qattiel ....*
*iġelben minn għonqha imħanxar*
*gliegel ta' dmija magħqud*
*bħal għenieqed ta' għeneb*
*ta' għeneb sewdieni*
*mid-dwieli ta' Edom.*

*U għadu f'widnejja*
*il-leħen*
*li ġera ħabrieki fix-xagħ'ri*
*u dewa fil-wied:*
*"Għall-Mulej ħejju t-triq*
*U wittu l-għoljiet".*

*F'waqt wieħed,*
*b'ilħna ta' trombi,*
*f'teptipa ta' ġwienaħ*
*li tfesdaq il-fewġa tal-ħajja,*
*niżlet gawwija ....*
*u billet munqarha*
*fil-ħondoq tax-xagħ'ri*
*imgħammed bid-dmija ....*
*u taret għall-Għolja,*
*intiżnet fuq l-Għuda*
*mitqala*
*bil-ġemgħa tad-dnub.*

*U ferret b'munqarha*
*l-gawwija*
*qatra ta' demm wara oħra*
*ġo ħalq niexef qoton*
*ta' ċerva imgerrxa*
*mistkenna taħt l-Għuda*
*fuq l-Għolja tad-Demm.*

*Bħal f'rifless ġewwa l-mirja*
*il-fided, l-avorju:*
*ilwien il-qawsalla,*
*fi swali tal-għonja,*
*setgħana,*
*smajthom jiddieħku,*
*fil-baħħ*
*fil-baħħ*
*li sibt ruħi fih ....*
*U b'ħanġra ta' wieħed*
*li f'bewsa ta' jiesu*
*dejjiem*
*sad iddendel maz-zokk*
*ġewwa l-wied:*
*tefgħa ta' ġebla*
*mill-ġnien taż-żebbuġ,*
*għajjatt:*
*"Min qasam il-ktajjen?*
*Min xorbu l-inbid?*

*Mit-tazez kristalli mill-iffjen ....*
*min qarmeċ taħt drasu*
*l-għenieqed tad-dwieli*
*ta' Edom?*
*Mill-platti tal-fided*
*min ħafen bla rażan*
*il-qatgħet taż-żbul*
*lewn id-deheb?"*

*Bqajt bla tweġibal*
*u bil-għatx ....*
*u bil-ġuħ ....*
*xufftejja mqarqċa*
*imċarta*
*bħal zkuk niexfa*
*li jdawru xi blajta fix-xagħ'ri ....*
*Ġismi tgħatta bil-ġrieħi.*
*'Żda ħadd ma ġie jbexxex*
*fuq ġbini*
*il-qtari*
*tan-nida tal-ħajja*
*jew jagħtini nitrejjaq*
*b'xi pala tal-bajtar.*

*Hadd ma ġie jidlek il-fwieħa*
*ma xagħri*
*bħal dari.*

*Waqaft ....*
*ħarist ma' dwari ....*

*Bqajt waħdi*
*fis-swali tal-għonja*
*setgħana.*

*Wasalt sa ġbart bħal Ruth,*
*l'ifdla tal-qmugħ maħsud*
*u lbist f'riġlejja*
*il-qorq tal-wirt.*

*Jixħdu għemili*
*il-gawwija wiċ-ċerva*
*li lmaħtbom*
*f'rifless ġewwa l-merja*
*ta' fided, l-avorju*
*u tifwiġ tal-qawsalla*
*l-ilwien.*

VICTOR MALLIA-MILANES

## IL-PAĊI TA' KAMARTI

*F'kamarti*
*ordni, kwiet u sliem.*

*Niftaħ filgħodu t-tieqa*
*u jdawlu kamarti r-raġġi tax-xemx.*
*U nara kmieni kmieni*
*l-isfar-aħmar tal-larinġ misjur.*
*Meta mbagħad igħaddi ftit żmien*
*jidhru l-fjuri mlewma jitliegħbu*
*maż-żiffa friska u wtieqa ta' filgħodu.*

*Fis jibda t-tgeġwiġ ta' l-agħsafar*
*jittajru fuq il-friegħi kbar*
*ta' l-awrikarji tal-ġnien.*
*U tinstema' ġejja mill-kappella*
*ċ-ċempila żgħira tal-qanpiena*
*tikser is-skiet qaddis...*
*Hekk tibda l-ħajja tagħna ta' kuljum*
*mill-kwiet u s-sliem tal-kamra*
*għat-tgeġwiġ ta' barra fil-ġnien*
*"Xi waqt miksur bin-niket,*
*Mogħni xi waqt bil-ferħ."*

*Iżd'għandi kamr'oħra,*
*wisq isbaħ u għażiża għalija,*
*li qatt ma nħalli warajja.*
*Ta' spiss fit-tgeġwiġ u l-għagħa tal-ħajja*
*nidħol nistkenn fiha;*
*u hemm dejjem sibt*
*l-ordni, il-kwiet u l-mistrieħ.*

*Meta jvenven ir-riħ mat-tieqa,*
*u x-xita u s-silġ iċekċku mal-ħġieġ,*
*u r'għad ikarwat,*
*u l-beraq ilebbħ fil-bogħod,*
*il-kamra tiegħi tibqa' sabiħa l-istess*
*u xejn ma jtellifni l-paċi ġo fiha.*
*Għalhekk ġo fiha biss nistkenn.*

*Għax kemm indum fiha*
*qatt ma nitlef it-tama*
*li dalwaqt jerġgħu joħorġu r-raġġi tax-xemx;*
*u nithenna bil-ħsieb*
*li wara x-xita*
*l-ward ser jiftaħ u jfewwaħ iktar sabiħ.*
*U meta jorqod r'għad*
*ser tinstema' iktar ċar*
*iċ-ċempila żgħira tal-qanpiena*
*tikser is-skiet qaddis...*

Loyola House, 6.iii.65 — JOHN AZZOPARDI, S.J.

## IX-XMARA

*(Lil oħti Karmena)*

*Kull x'ħin jien nisma' l-għajta tas-sbuħija*
*Tħajjarni nersaq fejn hemm ġmiel u sliema,*
*Ninsa' 'l kulħadd u nterraq b'ġirja mħarrba*
*Biex immur waħdi nħares lejn das-seħer:*
*Ismagħha l-għajta ħelwa, l-għajta bnina,*
*Tgħajjatli biex jien nersaq narda' l-benna.*

*Jien lebbitt lejn din ix-xmara safja*
*U mxejt mar-rampa mserrpa twila twila;*
*Dix-xmara daqqa wiesgħa w-daqqa dejqa;*
*Waqtiet tinfirex f'salt ġo bosta friegħi*
*Li tistħajjilhom bħal għeruq tal-ħajja*
*Jixorbu sew mill-enerġija sfiqa*
*Li din ix-xmara tagħti mingħajr heda,*
*Għax kullma għandha xejn ma żżomm għaliha.*
*Is-sliema w l-hena fl-ilma bieżel tagħha*
*Iħarsu lejk u bi tbissima rżina*
*Lilek jistiednu sabiex taqsam magħhom*
*Il-ferħ tal-ħbieb.*

*Għax l-aqwa ħbiberija*
*Issibha hawn matul dix-xmara twila,*
*Li għandha l-ħajja, behga w leħen tagħha*[1]
*Bħal jidhru mitbugħin fil-wiċċ tal-ilma.*
*Kull meta niġi hawn jien insib l-hena,*
*U noqgħod nisma' x'tgħidli din ix-xmara,*
*Għaliex din taf titkellem bl-ilsna kollha.*

*Waqtiet titkellem tgħajjat biex tinstema',*
*Xi drabi tlissen kliem sabiħ ferrieħi,*
*U jiġi ħin ukoll x'ħin il-kliem tagħha*
*Jagħmilni hekk sogħbien li nxerred demgħa,*
*Hawnhekk ix-xmara turi l-għaqal tagħha*

[1] Behga; karattru.

*Biex lilek kieku terġa' ferħan tagħmel,*
*Għall-ewwel tibda' tpespes 'mma ftit wara*
*Jiena nkun nisma' l-għanja ħelwa tagħha,*
*U miexi minn dax-xatt matul ix-xmara*
*Jiena nintebaħ li mhux miexi waħdi*
*'Mma miexi ma' ħabiba li taf tħallem.*

*Jien nagħżel hawn, fil-qrib ta' din ix-xmara,*
*Biex nimxi msaħħar id-f'id ma' xi tfajla,*
*Jew biex nikkattna ħbiberija ġdida*
*Jonkella nqajjem ħbiberija rieqda.*
*U nagħżel hawn, maġenb dix-xmara ħelwa,*
*Biex nedha ftit bil-logħ'b ma' tfal ċkejknuna;*
*Jien niġi hawn biex naħrab l-egoiżmu,*
*Sabiex nitbiegħed minn xewqat dinjija,*
*U nħoss li rrid nitgħammed f'għadsa fiha*
*Biex bl-isfa ilma li ma jafx ħżunija*
*Naħsel minn moħħi dax-xewqat qarrieqa*
*Li jħammġu s-sedq tal-ħajja.*

*L-istess bħalna*
*Dix-xmara qisha għandha ruħ u ġisem,*
*U dawn jissejħu ilma w-xatt mhux wati*
*Li jidhru ma' xulxin qishom imwaħħda.*
*Il-mewġ fiddien f'mixjitu ferriħija*
*Jersaq jiżżegleg fuq ix-xatt imsaġġar*
*U jibda' jżewweġ il-ħaxix mal-fjuri,*
*Imbagħ'd jagħtihom bewsa w xi żegħila*
*U jħalli rokna mwarrda bħal tifkira.*

*F'dal-waqt il-friegħi sbieħ ta' siġar safja*
*Jibdew itawlu d-driegħ ħadrani tagħhom,*
*U fl-oqsma tal-botanika bħal jidhru*
*F'tgħanniqa wtiqa ma' dal-mewġ ħabrieki,*
*Hawn jien inħoss ġo fija l-ferħ sabbari,*
*U nkun nitpaxxa b'dan l-eloġju qribi*
*Li jħalli mpittra sew quddiem għajnejja*
*Il-ġmiel saħħari ta' dramm kollu seħer.*

*Hawnhekk qisha tinstema' sinfonija*
*Meta x-xatt jieħu f'idu l-ilma ġieri,*
*F'xi nħawi jmexxih dritt għal medda twila*
*Imbagħ'd b'tagħwiġa jdawru f'xi mogħdija*
*Mimlija fjuri sbieħ.*

*Il-mewġa tifraħ,*
*Tistrieħ daqsxejn u terġa' timxi mgħaġġla,*
*Tixbaħ l-għarusa liebsa bil-bizzilla*
*U mfittla b'xemx li ssaħħan bla ma taħraq.*
*Jiġu waqtiet meta dix-xmara taħbi*
*Il-ħajja bieżla fil-qiegħ għani tagħha,*
*U l-ħut ilebbett minn bejn siġra w-oħra*
*Ġo din il-belt imgħaddsa fl-ilma ħelu*
*'Il bogħ'd mill-ħamba ta' nies mingħajr ħniena.*

*Fil-ħin tal-għasar meta x-xemx tkun nieżla,*
*Dix-xmara tiehu l-għamla ta' xi mera*
*U turi s-sema qisu qiegħed jaqbad*
*F'ħuġġieġa ħamra w safra fost il-kħula.*
*W għal ftit tal-ħin fid-dehra moħbi minni,*
*Xi ħadd lix-xmara jixgħel mill-qiegħ tagħha*
*U jidhru dwal ċkejknin qishom qed jiżfnu*
*Xi valtż sabiħ mal-wiċċ imżejjen tagħha.*

*O xmara ħielsa, kemm nqrak sabiħa*
*Kull meta niġi ngħaddi ftit ħin miegħek!*
*U f'dan il-ħin li tidher qiegħda tħaġġeġ*
*Iġġagħ'lni nagħraf li int poeżija!*
*Imbagħ'd is-sinfonija b'qatgħa nsetti*
*Bħal jiżfnu l-aħħar żifna qabel jorqdu,*
*U l-kor sabiħ bis-serħ tal-melodija*
*Bħalkieku jħejji x-xmara għar-raqda tagħha,*
*'Mma qabel taqa' s-sikta ta' lejl kiesaħ*
*Tindaqq il-melodija ta' l-agħsafar*
*Bil-kant sabiħ ta' mitt elf ilħna mħallta*
*L-istess bħal xi tenur li jħaddan l-arti*
*L-alwetta tkanta f'arja ewlenija;*
*Imbagħ'd tinstema' bħal supran il-bilbla*

*Fi dwett sabiħ ta' mħabba l-iżjed safja,*
*U f'daqqa waħda jibda' l-kor isaħħar*
*Għax hawn l-agħsafar kollha jħollu lsiennhom*
*U jferrgħu qalbhom f'noti sbieħ smewwija*
*Li twaqqaf kull ċaqliqa fuq wiċċ l-ilma.*

*Hawn jibda' jsaltan skiet bħalkieku jħabbar*
*Li l-ħin qed joqrob biex kull ħliqa torqod,*
*Il-lewn minn aħmar sar sewdien u mdellel*
*Kollox fil-ħemda mehdi f'tul ix-xmara.*
*F'dal-ħin mistur li jiena fort bil-għaxqa*
*Tħajjart nimtedd fuq il-ħaxix ftit niedi*
*Fir-rampa ta' dix-xmara f'din is-sikta,*
*U taħt dijet il-qamar semmajt leħni*
*Nіżżi ħajr 'l Alla li jien mimli ħajja.*

MELBOURNE – AWSTRALJA — MANWEL NICHOLAS BORG
1969

## IT-TNEJN TAL-KARNIVAL

(*B'Tifkira għażiża tal-mejjet* DUN FRANGISK SCICLUNA)

*Bħal waħx,*
*quddiem għajnejja tiġi*
*Karnival li kont . . . fil-bogħod,*
*f'jiem imgħoddija . . .*
*Ma' sħabi ngħanni*
*hemmhekk, qrib il-mewġiet bajdana;*
*nifirħu ma' xulxin,*
*bħal friefet niżfnu*
*iż-żifna taż-żgħożija . . .*
*Inħosshom qribi*
*l-uċuħ ta' ħuti ħelwa,*
*il-leħen tagħhom,*
*bixret kull wieħed:*
*Uċuħ diversi,*
*ilħna mhux bħall-oħrajn,*
*karattri ġodda . . .*
*Tiġi bħal ġgant quddiemi*
DUN FRANGISK,

*li, tħobbna bħal missierna, il-jum kont magħna*
*fil-hena tgħaddi,*
*sirt bħalna tfal,*
*ħabbejt dak l'aħna nħobbu.*
*Hemm kont ix-Xlendi,*
*f'dik l-għodwa fuq l-irdumijiet*
*meta inti ktibtli:*
IMUT IL-ĠISEM, ĠORĠ, 'MMA QATT IL-KELMA.
*Kont hemm u smajtek ...*
*Niftakar sew, kont hemm ukoll*
*meta mbagħad lilek*
*ġabuk id-dar bla saħħa ...*
*Kont hemm u bkejt ...*
*Int mitt; il-kelma baqgħet*
*w għadha hawn ġo qalbi sħiħa ...*
*Niftakar fikom ħbieb*
*kollha helwin,*
*għeżież ...*
*Flimkien għaddejna*
*fjur l-għajxien tagħna*
*niġru minn palk għal ieħor*
*naħdmu quddiem in-nies,*
*issa kummiedja, dramm,*
*imbagħad traġedja*
*l-istess hekk kif ħajjitna:*
*Illum mal-ħbieb ferħana,*
*weħedna nibku għada,*
*imbagħad f'tajn iġġarrafna ...*
*Nibkikom jiena*
*ja ħbieb ... tal-qalb ...*
*inħosskom qribi wisq;*
*xħin waħdi mmur fil-ġonna*
*niftakar fikom*
*qalb fjur,*
*għasafar żgħar,*
*friefet ferħana;*
*niftakar fl-isbaħ paġna, poeżija*
*i lli flimkien inqaxna, ktibna,*
*u li aktar qatt ma tiġi lura!*
*Kull wieħed minna mar fuq it-triq tiegħu ...*

Catania – 28.ii.68 BRO. GEORGE MERCIECA

L-GHANJA TA' L-EMIGRANTI MALTIN

*Is-sliem...*
*Is-sliem għalik,*
*O Malta, Art tagħna,*
*Il-bogħ'd, il-bogħ'd minn ħdanek*
*Aħna sejrin...*
*Is-sliem għalikom,*
*Qaliet, wileġ ħadrana,*
*Għelieqi, iġbla w widien...*

*Is-sliem għalikom,*
*O swar ta' La Valletta,*
*U bliet setgħana,*
*Irħula għażiża w knejjes,*
*Festi tal-Qaddisin...*

*Aħna sejrin*
*Lejn xtut għariba, mbiegħda,*
*Lil-hinn mix-xefaq aħmar,*
*Is-sliem... is-sliem...*

*Malta Hanina,*
*O nieqa ta' ħajjitna,*
*Aħfrilna,*
*Aħna sejrin...*
*San Pawl, id-Din li tajtna*
*Jibqa' fina*
*Mad-Demm w l-Ilsien*
*Li rdajna*
*Minn sider ommijietna...*

*Berikna,*
*O Kewkba tal-Baħħara,*
*F'dis-safra tagħna...*
*Is-sliem, O Malta, is-sliem...*

Ramle-Israel – 1967

Fr. JOSEPH CREMONA, O.F.M.

# ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

Ta' V. MIFSUD BONNICI

(*miġjub minn* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(Jaqbad ma' *Leħen il-Malti*, Għadd 10,1966)

S

SABBÀT – żarbun. "Newwilli s-sabbàt, Mar', għax illum ma rridx nimxi bil-*ġilda tal-fart* (qorq)".

SABBELLA – kola, duda żgħira sabiħa, tleqq u mżewqa, milli jtiru; tgħix fuq il-ħaxix ħafna, fuq ix-xewk tad-demm ta' Kristu. Iż-Żwieten jgħidulha *barbaxiħa*.

SABBELLIKA – sabbella.

SABREĊ – Is-sabreċ! Tal. "Capperi!", Ing. "Goodness me!".

SAFAR – Il-mibegħta tal-ħwejjeġ fis-suq ta' barra. "Dil-ħabta l-qoton m'hawnx safar tiegħu".

SAFFA – *Isaffi l-qoton*, inaqqih, jaqla' minnu biex li jibqa' jkollu fejn jikber.

SAĦFA – Il-wiċċ jew waħda miż-żewġ uċuħ tal-werqa ta' kull qalba li taqleb ktieb; paġna.

SALINA (jew SLÀN) – roqgħa raba' b'mogħla xiber trab, u taħt blat. "Avolja fuq is-slajjen isiru għelejjel".

SAMROTTA – Il-ġebla ta' taħt l-ewwel ġebla tal-ħnejja. Huma samrotti l-ewwel ġebliet sa ma l-ħnejja tiġi biex taqleb.

SAMSAR – fis-sens ta' "taqla', tigdeb". "In-nies tħobb issamsar".

SANANIKK – xħiħ ħanżir; bl-Ingliż *curmudgeon*.

SANNÀR – biċċa kverta n-naħa tal-poppa jew tal-pruwa.

SANTERMU – ajru grass.

SAQJA – Għalqa fiha saqja(jiġifieri saqja waħda, kemm issaqqiha darba); ftit ħamrija.

SARSAR – Dewwem, tamma, ħalla 'l dak li jkun mil-lum għall-għada billi għaddieh bi kliem ħelu; "titlob ix-xogħol u ssib min isarsrek". Hât jew ħâtet b'ponti rqaq fuq xulxin biex timla u tiġbor fejn hu msellet, "sarsru tajjeb bil-ħajt tal-ħarir; tinglessi u ssarsar".

SATRA – *Pudore.* "Għożż dejjem satrek, ja xbejba".

SBATAX – *Fis-sbatax,* f'nofs in-nhar nieqes kwart.

SBRIGA – dik li jagħġnu biha, stanga li titla' u tinżel u jixteħtu fuqha bit-toqol ta' ġisimhom kollu biex ifattru sħiħ l-għaġna; magħġna.

SEFAH – Tittajjar bejn wieħed u ieħor f'għoli, f'wita wieħed, bħal benniena mxejjra fuq ħabel twil; tiġri minn hawn għal hinn imma żżomm akkwata waħda. "Raw ix-xwieni Torok jissieħfu fil-baħar tagħna". "Tarma tisfaħ il-gallina".

SEFAH, JISFAH – Tkebbeb it-tajjar fuq ħafna qasab imwaħħlin bħal utieti ma' ħajt, u jġibuh katina twila.

SEFHA – Bħal dawwara kbira.

SEFSIEFA – Pipa.

SEHEM – Biċċa tal-moħriet; dik li tidħol ġol-*bejta* u jwaħħlu l-*katrun* jew *marbat* fiha. Is-sehem jagħmel minkeb mad-*driegħ.*

SEJF – Biċċa tal-moħriet; ikun imwaħħal mill-*bejta* għas-*sehem.*

SEKKEK – Ħarat bis-*sikka* jew kemm jaqla' t-tul tal-wiċċ biss.

SELAH, JISLOH (il-baħar) – Għamel, jagħmel; qala', jaqla' minn ġo fih ħalel kbar wara xulxin qisu qiegħed jinstelaħ.

SELHA – Biċċa ħajt (aktarx tas-sejjieħ) imwaqqa'; fetħa fit-trunċieri jew fil-ħitan. "Baqa' ftit slieħi għar-rfigħ". Jissejħu slieħi l-ġonot imwaqqgħin mill-ħitan tas-sejjieħ. Selħa kbira jgħidulha *prexxa.*

SELLUM – Raba' qiegħed maqlub, ħbula ħbula fuq xulxin, mhux wati.

SELLIEH – Merħi, għax bħallikieku jisloħ sikwit. Ara l-qawl: "Il-fellieħ jobgħod is-sellieħ".

SENDAQ, ISENDAQ – Ġamma' l-flus fis-senduq. "Sendaq u barraġ".

SENDUQ – Ħalla kbira tal-baħar.

SENSLA – Dik il-biċċa ħadida msensla ħoloq ħoloq miżjuda fil-lġiem li meta dan ixxiddu f'ras il-bhima tiġi madwar geddumu; sarretta.

SERRA – Moħħ għal meta tħaddmu biex timxi sew fid-dinja; it-tħaddim talmoħħ li jħallik f'sessik. "Qisu bniedem bla serra"; "Is-serra tagħha (moħħha) marret".

SERREP, ISERREP – Ġera, jiġri 'l hawn u 'l hinn bħas-serp jew bħal triq is-serp. "Triq għaddejja sserrep"; "Nara sarbut nar iserrep fl-ajru".

SETTIEHA – Haġa mxerrda; "settieħa ta' trab u ġebel".

SFIRR – Bċejjeċ, aktarx tal-ħadid li mhux tajjeb; raċanċ tal-ħadid.

SFUNKTA (jew SFUNKTU) – M'aħniex, ħorrox borrox. Dal misem jidħol f'kollox u dejjem ifisser "mhux kif imiss", bħal "kitba sfunkta", "għaskar sfunktu", "taħdit sfunktu", "għasafar sfunkta".

SIBER, JISBER – Tagħti żmien, terħi lil min għandu jtik ftit żmien ieħor. "Hadnieh biex jisbirlu"; "Isbirli xahar ieħor".

SIDRA – Qawl tal-ħajjata, "baretta". Ukoll "il-wiċċ jew il-faċċata tal-kuxa jew fom".

SIEL – Kellu jagħti. "Tini li ssielni (għandek ittini) u mur".

SIEGHA – *Siegħa lejl*, i.e. ta' l-imwiet.

SIEGH – Erba' kejliet. Dil-kelma qisha *usiegħ*, jiġifieri jasa', dak li fih, daqshekk wisa'; nisilha minnha fiha.

SIES – Dak li jofroq għalqa minn oħra u ma jkunx ħajt imgħolli iżda ħanek tal-ġebel, tal-ħamrija, jew bordura tal-ħaxix.

SIĠAR – *Siġar tal-ħalib*, tal-bajtar, tat-tin, tal-parsott, tat-tin bżenguli, tal-farkizzan.

SIKKAN – bagħli, raba' li ma jissaqqiex, bil-maqlub ta' *saqwi*.

SIKKA – Dik il-biċċa tal-moħriet ta' l-azzar li taqsam il-ħamrija u taqla' t-tub; tkun imdaħħla ġol-*bejta*.

SIJA, ISSIJA – tmexxi d-dgħajsa la ġenbha; la 'l quddiem u lanqas lura.

SILA, JISLA – Sogħob, jisgħob. *Sila bih*, sogħob bih.

SILFA, SLEJJEF – L-aħħar jumejn ta' jannar, hekk imsejħin għax taparsi jissellifhom minn għand Frar. *L-ewwel silfa*, *it-tieni silfa*.

SILEM, JISLEM – Wasal fl-aħħar.

"Silem fl-aħħar il-Messija
L'ilu n-Nabi lilu jsieħ".

SILET, JISLET – *Silitli ruħi*, ġiebli ħniena.

SINED (fil-ktir ISINDA) – Hbula ta' raba' fuq wied qegħdin slielem slielem; ħbula ta' raba' f'wita' wieħed; raba' minn qiegħ il-wied sa taħt il-ġebel, jiġifieri sa taħt dejl il-muntanja, bħalkieku "is-sinda, jew l-isinda tal-Baruni ta' Buleben", "naħdem fis-sined tagħna".

SIRDA – "Sirda ta' fewġa". "X'sirda tielgħa minn dal-wied!" Kesħa żejda

mħallta bl-indewwa fix-xitwa, jew sħana żejda mħallta bit-tmewwiġ fis-sajf. "Ara x-xemx x'isserred!"

SIREĠ, JISREĠ – Qata', jaqta' l-art ħmiemel ħmiemel; iwaqqaf il-gefun u jgħaddi s-swieqi biex iterret. "Jekk ma tisreġx ma tterretx sewwa". Jagħmel l-oħfla l-ġennien, fl-ortiet, iqassamhom ħmiemel ħmiemel biex jikser l-ilma għal ġo fihom biex isaqqihom. *Sirġet ix-xemx*, tellgħet il-fwar bis-sħana tagħha. "Ix-xemx tisreġ u n-nida jtir".

SKARP – Ħajt baxx ġej imżerżaq, joħroġ 'il barra għal isfel, jidħol il ġewwa għal fuq; biċċa bini tas-swar li tiswa biex tbiġġel xi mina, eċċ.

SKARPA – ġebla maqtugħa kbira, qisha gradenza, mill-barriera u jonġruha biex iqegħduha f'xi ħajt kbir bħal ta' knisja. Biċċa ħabel, "ġib dik l-iskarpa".

SKULJATA – il-frosta tal-ħart.

SLAJJEN – Irqajja' rqajja' fir-raba' li billi ma jkollhomx iktar mnejn jerdgħu għax il-blat ta' taħthom jinzerta ħażin (bit-tumbata jew rabba' qoxra iebsa) jinqatgħu għalihom u l-wiċċ jurihom meta x-xita ma tibqax ta' sikwit. "Jekk tqaxxar l-iskorċa ta' taħt fejn jaqtgħu s-slajjen dawn ma jibqgħux". "F'Marzu jarmaw jaqtgħu s-slajjen". "Fejn jibqa' qwawar li jkun hemm ma jiflaħx, ma jibbastax jitla', jinbet; ir-raba' jaqta' s-slajjen".

SLUGI – "Snello". Irqajjaq, misnun u ma fih xejn. "Fenek slugi".

SMIĊĊA, JISMIĊĊA – meħħi l-miċċa; mela l-biċċa l-maħruqa jew tajba biss għall-ħruq. Ara: "Tismicca l-lampa", meħħilha l-musmar tal-ftila, "tismiċċa s-siġra", taqtgħalha l-faxxina (ħatab).

SPIERA – L-ispiera tkun bl-ilma ġieri u nieżla tond u dritt dejjem.

SPNAR (fil-ktir SPNAJJAR) – Biċċa għodda tal-qattiegħa l-ġebel. Ħadida li titgħammar ġol-kniener bejn żewġ ċapap biex jaqsmu l-blat biha; feles kbir tal-ħadid. L-ispnajjar il-qsar jgħammruhom taħt il-blat u jagħtu fuqhom b'mazez tqal biex jaqtgħu l-ġebel. It-twal jissussaw bihom biex iqanqlu l-blatiet.

SRIĠ – il-qtugħ tal-bejtiet taż-żriegħ fi ħmiemel biex isaqqu u jterrtu r-raba'.

STÀD – tkixxef (indaga). "Din ġejja biex tistadni".

STAKKATUR (jew STRAKKATUR) – baħar (qawwi) tar-riħ qadim; il-

bqija ta' baħar (qawwi) bħalkieku dak it-taħbit li jibqa' (wara) xi grigalata kbira.

STALJATA – Għalma fi ktieb biex tiġborha f'moħħok, lezzjoni; biċċa mqiegħta, dmir biex tilħqu. Tal. *lezione, compito, un pezzo di lavoro da farsi*; Ing. *duty, task, lesson.*

STARAM – sab ruħu misrum, imħabbel, imbexkel – għalhekk tħawwad, iddejjaq.

STRAPPATA – nofs ta' nhar xogħol, jew biċċa xogħol ftit jew wisq kbira; nofs ta' nhar jew biċċa ħin ġmielha sew minn ta' filgħodu jew ta' filgħaxija.

STRONK – li għandu ġewnaħ, jew biċċa minn ġismu miksur li ma jistax itir. Igħiduha għall-għasafar u t-tajr. *Stronka,* tajra li jilħqilha, bħal gilpa; fil-wisa', mara li ħadd ma jgħaddiha minn rasha, ħażina.

STWIEL – Biċċa tal-milja; it-travu li jitla' dritt mill-art sa mogħla l-ġejża.

SUBIENA – bajda ta' qamla; "jiena subiena mreddgħa".

SUFA – Fil-ktir *swafi.*

SUFARA (jew SUFFARA) – Il-qalba tal-qamħa mnejn toħroġ in-nebbieta. "In-nemel il-qamħ li jaħżen jaqtagħlha dik li jgħidulha s-sufara biex ma tinbetx".

SUFRUN – "Inqegħdhulek is-sufrun".

SULBIEN – il-ktir ta' "salib". "Is-sulbien tax-xatba".

SULTANIJA – skutella.

SUMMIEN – Is-summien jiġi ma' wiċċ l-ilma minn barra. Mita jkun riħ qawwi jidħol ġol-art; jekk le jibqa' l-ewwel art li jaqbad; ipoġġi fix-xagħri ta' xifer il-baħar.

SUQI – li jimxi fis-suq, iġib il-flus; "is-silla dis-sena mhix suqija". Li jaf imur man-nies, "raġel suqi".

SURA – "Minn taħt idejn in-nies ma tikolx ħaġa sura". *Suret in-nies,* sewwa.

SWEJQA – sieq żgħira ħelwa. *piedino.*

(FADAL)

# BOOK REVIEW

A. CREMONA, *Ktajjen maqtugħa*, Malta Veritas Press, 1968.

IL-KITBA Maltija, f'dawn l-aħħar snin, żdiedet u kibret sewwa, inħallet, biex ngħidu hekk, mill-irbit li kien igħaqqadha mal-ġibdiet letterarji ta' l-imgħoddi, u ħadet xejra veristika, mibnija fuq il-ħajja li l-lum igħix il-bniedem, imqanqal u maħkum minn drawwiet ġodda u minn dak li jiġri madwaru. Dan jidher mhux biss fil-poeżija li qegħdin naqraw, l-aktar dik taż-żgħażagħ tagħna, imma wkoll fin-narrativa li kull ma tmur inħossuha tersaq lejn il-ħajja tal-lum mimlija taħbit, biża' u taqtigħ ta' qalb: ta' din il-ħajja narrativa Maltija li tagħti lill-qarrej xbieha qawwija ta' l-għawġ li miegħu jiltaqa' tul għomru.

Dan li qegħdin ngħidu ma setax jonqos f'Malta meta wieħed iġib quddiem għajnejh ix-xejra li ħadet il-letteratura ewropea f'dawn is-snin. Mhux ta' min jinsa il-*verismo* jew *realismo* – sejjaħlu li trid – fl-arti u fil-kitba Taljana, u l-kittieba tagħna ma setgħux ma jintlaqtux minn din ix-xejra letterarja li ħassew huma wkoll, għamlu tagħhom, u fuqha mxew fil-kitba tagħhom.

Kien sew sew dan il-ħsieb ta' A. Cremona fir-rakkont tiegħu *Ktajjen Maqtugħa* li deher dan l-aħħar. L-għan tiegħu kien dak li jqegħdilna quddiemna "mera ta' ħajja realistika f'waħda mill-irkejjen fil-bidu tas-seklu għoxrin".

Mhux il-waqt hawnhekk – u lanqas inħossu l-ħtieġa – li nitkellmu mixxehem li kellu A. Cremona fil-qasam tal-kitba u ta' l-istorja Maltija f'aktar minn sittin sena ta' ħidma bla heda. Dan ir-rakkont li ġie f'idejna hu ħolqa f'sensiela twila ta' xogħlijiet li s-sur Nin qiegħed f'idejn ħutu l-Maltin: xogħol ta' fejda li barra minn mogħdija ħelwa ta' żmien jiswa biex jagħti tagħlima lill-bniedem li għal ħaġa jew oħra jsib ruħu fil-hemm u juri kemm jenħtieġ li wieħed iqisha mitt darba qabel jaqtagħha. Il-biki u l-indiema ma jiswew xejn wara li l-ħsara tkun saret, u mhux sejrin inħassru dak li jkun sar.

Ħelwa d-daħla tar-rakkont, tfakkarna f'dak il-*fin de siecle* li minnu kienu jitkellmu n-nanniet tagħna. Ġorġ, qalb safja u mrobbija fl-għożża, iħobb lil Doris, tifla fqira, imma bla għaqal u fiergħa. Iħossu mnikket għal darba meta jinduna li hi qarrieqa, imma jirnexxilu jegħleb lilu nnifsu u jaħrabha biex kemm jista' jkun jinsieha. Isir tabib, isiefer, u għal ħafna snin ħadem barra minn pajjiżna, l-aktar fl-Ewwel Gwerra, meta messu jżur u jdewwi baħrin u suldati milqutin fit-taqtigħat ħorox fil-Lvant Nofsani.

Meta jiġi lura f'Malta jiltaqa' bla ħsieb ma' Doris, li kemm dam imsiefer kienet iżżewġet. Imutilha r-raġel bil-marda ta' l-influwenza, u Ġorġ, li kemm dam imbiegħed minnha qatt ma kien insieha minkejja taż-żmien li kien għadda u l-imġieba tagħha, jeħodha b'martu wara ftit xhur. Imma l-għada li titrabba fiha l-kefen ineħħiha. Doris tibqa' belha kif kienet f'żgħożitha. Lil Ġorġ bin-nuqqas ta' għaqal tagħha titfgħu f'baħar ta' niket u ta' taħbit. Hin bla waqt Ġorġ jaqtagħha li jitlaqha, u wara li jdaħħal lil bintha – li jgħożżha bħallikieku bintu – mas-sorijiet Ġużeppini, joħroġ u ma jerġax lura lejn id-dar. Ġorġ u Doris jerġgħu jiltaqgħu żmien wara f'Tunes, fejn il-bluha tagħha u x-xewqa tiegħu li jiltaqa' ma' bintha kienu wassluhom. Imma jaħasra! Għall-aħħar darba, għax ħajjet Doris kellha tintemm qabel il-waqt mis-sejf tal-imqarraq ħabib tagħha, u Ġorġ sata' biss jibki l-imġieba tiegħu meta telaqha ħesrem bla qagħad iqis x'jista' jiġri wara.

Minn Ġorġ u minn Doris ħafna għandhom x'jitgħallmu ż-żgħażagħ tagħna, ħafna x'jixtarru u jtiegħmu. U naħsbu li l-messaġġ moħbi li minnu jitkellem il-kittieb fil-kelmtejn tiegħu lill-qarrej hu sew sew dan: ta' min hi l-ħtija li l-ktajjen ta' mħabba ġew maqtugħa? Ta' Doris li ma għarfetx tgħożż ġiehha u ddur b'żewġha? Ta' Ġorġ li ħalla s-saħna tad-demm tagħmih? X'aktarx la ta' waħda u anqas ta' l-ieħor, jew aħjar tat-tnjen. Bħalma jgħid il-Manzoni, fi ġlieda mhux la kemm tgħid ta' min hi l-ħtija: xieraq għalhekk li wieħed jistabar bil-hemm li jiġi fuqu, iqis sewwa ħtijietu qabel jara dawk ta' għajru, jagħder in-nuqqas ta' dawk li jonqsuh u jfittex li jiġbidhom lejh bil-ħlewwa u bil-kelma t-tajba. Fl-aħħar mill-aħħar mhux dan hu l-messaġġ tal-Vanġelu?

Għoġobna l-istil ħafif u mexxej tar-rakkont għalkemm xi sitwazzjonijiet m'humiex ċari biżżejjed. Id-djalogu huwa ħaj u jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej; lil Ġorġ u lil Doris nisthajluhom nies li nafuhom sewwa, għaliex narawhom imdawrin bi ġrajjiet li ftit jew wisq aħna wkoll ngħaddu minnhom. Lil Victor ħassejnieh inqas realistiku, għaliex – ngħiduha kif inhi – ħbieb tal-qalb bħalu jintgħaddu bħad-dubbien l-abjad..Helwa ħafna l-ixbieha ta' Janie li bit-talb tagħha rnexxielha tlaqqa' lil Ġorġ u 'l ommha u tisma' l-kelma "maħfra" li biha jagħlaq ir-rakkont.

Għoġobna l-ħsieb ta' A. Cremona li joffri dan ix-xogħol tiegħu lill-istudenti li magħhom ħadem mill-1928 sa l-1940. Dawk kollha li bħalna kellhom ix-xorti li jitgħallmu minnu f'dawk is-snin l-ilsien Malti u l-imħabba lejn ġrajjiet il-Gżira tagħna jiżżuħħajr ta' dan il-ħsieb sabiħ tiegħu u jixtequlu snin oħra ta' ħidma għall-ġid ta' art twelidu.

L. Schiavone

*Stampat l-M. U. P.*